MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 1

4 ta' Lulju 2019

Minuti tas-seduta Nru. 1 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju 2019 fl-4.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mill-aktar Kunsillier anżjan is-Sur J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Billi din kienet l-ewwel seduta ta' kunsill ġdid, ma' kienx hemm minuti x'jiġu approvati.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Minħabba r-raġuni msemmija fil-minuta 1.2. aktar 'il fuq ma kienx hemm materji mqajma mill-minuti tas-seduta preċedenti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

4.1. Ma tqegħdu ebda karti.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

5.1. Ma nqrat ebda korrispondenza f'dan l-istadju, billi l-Ordnijiet Permanenti jitolbu li fl-ewwel seduta ta' Kunsill ġdid jiġu trattati minnufih il-ħatriet tas-Sindku u l-Viċi-Sindku.

## 6.1. Ħatra ta' Sindku (C/2)

6.2. Is-Segretarju fetaħ is-seduta billi ġibed l-attenzjoni għall-Artiklu 25(1) ta' l-Att Dwar Gvern Lokali. Bis-saħħa ta' l-istess artiklu huwa talab lill-Kunsillier Dario Vella - il-kandidat li kiseb l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit li fl-elezzjonijiet tal-25 ta' Mejju 2019 kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri - jgħid jekk huwiex ser jaċċetta din il-kariga.

6.3. Is-Sur Vella wieġeb fl-affermattiv u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Minn dan il-punt 'il quddiem huwa mexxa s-seduta.

6.4. Is-Sur D. Vella ngħata l-ġurament tal-kariga mill-Kummissarju tal-Ġustizzja preżenti Dott. Ian Micallef.

## 7.1. Ħatra ta' Viċi Sindku (C/2)

7.2. Is-Segretarju rrefera wkoll għall-Artiklu 25(2) ta' l-Att Dwar Gvern Lokali u stqarr li fil-preżent għad m'hemmx persuna li tokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa għalhekk talab lill-Kunsillier John Buttigieg - il-kandidat li kiseb it-tieni l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, minn fost il-kandidati tal-partit li fl-elezzjonijiet tal-25 ta' Mejju 2019 ġab il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri - jgħarraf lill-Kunsill dwar jekk huwiex ser jaċċetta din il-kariga.

7.3. Is-Sur J. Buttigieg wieġeb fl-affermattiv u għalhekk iffirma dikjarazzjoni li proprju tgħid dan.

7.4. Is-Sur J. Buttigieg ukoll ingħata l-ġurament tal-kariga mill-Kummissarju tal-Ġustizzja preżenti Dott. Ian Micallef.

## 8.1. Stqarrija mis-Sindku (K/1/6/Vol II)

8.2. Hekk kif ħa l-ġurament, is-Sindku laqa' uffiċjalment l-Kunsillieri kollha eletti għat-Tmien Kunsill, li l-mandat tiegħu ser jintemm fl-2024. Huwa rringrazzja lil dawk kollha li din id-darba mhumiex parti minn dan il-Kunsill – is-Sinjuri Joseph M. Attard, Joseph Azzopardi, Hilary Fenech, Joseph Gauci u Patrick Cutajar, għas-servizz li taw tul il-kariga tagħhom. Huwa qal li fuq bażi personali se jibgħatilhom ittra ta' ringrazzjament biex jesprimi dan l-apprezzament. Is-Sindku rringrazzja lill-Onor. Clayton Bartolo li ukoll serva fil-Kunsill preċedenti bħala Viċi Sindku, sakemm ġie elett Membru fil-Kamra tad-Deputati f'Ġunju 2017.

8.3. Is-Sindku feraħ lill-Kunsillieri eletti għall-ewwel darba – Rebecca Bartolo Cutajar, Kurt Buttigieg, Ivan Castillo, Marvin Abela u Gabriel Micallef. Feraħ ukoll lill-Kunsillieri Annabelle Brincat Stellini u Emvin Bartolo, li ser itennu l-kariga li kellhom fil-Kunsill preċedenti, u li ċertament l-esperjenza li kisbu ser jgħadduha lil dan il-Kunsill.

8.4. Is-Sur D. Vella wera apprezzament lis-Segretarju Eżekuttiv Carmel Debono, kif ukoll l-impjegati kollha fis-segretarjat għall-ħidma kontinwa tagħhom. Stqarr ukoll li ma jistax ma japprezzax il-ħidma tal-predeċessur tiegħu s-Sur John Buttigieg, li huwa l-iktar persuna li serva bħala Sindku fir-Raba', il-Ħames u s-Seba' Kunsilli. Is-Sur D. Vella qal li l-għan aħħari tal-Kunsill għandu jkun mhux biss li jaħdem għall-ħames snin li ġejjin, iżda għall-ġenerazzjoni li jmiss.

8.5. Huwa aċċenna li l-midja soċjali saret parti mportanti fl-istill ta' ħajja ta' ħafna nies u għalhekk appella sabiex wieħed ikun kawt fuq dak li jintqal fuq dawn il-mezzi. Li tkun Kunsillier mhuwiex faċli, għaliex din il-kariga ġġorr magħha responsabilitajiet kbar, filwaqt li hija missjoni li wieħed għandu jaqdiha b'kuraġġ u d-determinazzjoni, dejjem bl-interess tal-komunità Melleħija bħala prijorità ewlenija.

8.6. Is-Sindku stqarr li hija l-intenzjoni tiegħu li jkompli jwettaq proġetti mibdija mis-Seba' Kunsill, filwaqt li m'għandux joqgħod lura li jfassal oħrajn ġodda, skont il-mezzi finanzjarji disponibbli, anke dawk li hemm inklużi fil-programm elettorali tal-minoranza. Is-Sindku qal illi ser jara li l-fondi fdati lill-Kunsill jintefqu b'mod trasparenti u bilanċjat u hekk tibbenefika l-ikbar firxa ta' residenti possibbli. Is-Sindku għalaq billi qal li l-mandat illi ngħata l-Kunsill jirriżulta mill-fiduċja li wrew ir-residenti fil-membri tiegħu, u għalhekk fil-ħames snin li ġejjin għandu jinżamm kuntatt maċ-ċittadin b'tali mod li jkun miftuħ għal kulħadd biex tiġġedded il-fama tajba li rnexxielu jikseb il-Kunsill tal-Mellieħa matul is-snin.

**9.1. Tqassim u assenjazzjoni ta' responsabilitajiet lill-Kunsillieri u ħolqien ta' Sotto/Kumitati (K/2/Vol III)**

9.2. Is-Sindku fakkar li kellu konsultazzjonijiet mal-Kunsillieri kollha dwar ir-responsabilitajiet li jixtieq jassenjalhom. Fakkar li l-oqsma tar-responsabilitajiet issa huma stabbiliti fl-Artiklu 33B u l-Erbatax-il Skema fl-Att dwar Gvern Lokali. Huwa spjega li dawn ser ikunu mqassma u assenjati kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Dario Vella - Sindku | **Finanzi; Turizmu; Ippjanar; Attivitajiet Popolari; Kultura u Kommunitajiet**<br><br>Finanzi; *By-Laws*; Attivitajiet Popolari; Turiżmu; Koperazzjoni ma' l-Ghaqdiet; Uffiċċju Amministrattiv; Amministrazzjoni u mpjegati tal-Kunsill; Trattament tal-ilment; Kommunitajiet (Manikata; Selmun u l-ohrajn); Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-offerti ; Pjan ta' Ħidma; Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar; Relazzjonijiet Pubbliċi; Progetti iffinanzjati minn Fondi Ewropej; Membru Kumitat *ad hoc* Triq Ġorġ Borg Oliver; Kultura u Attivitajiet Kulturali (Festa San Ġwann tal-Ħġejjeġ; Artist fil-Misraħ, u oħrajn); u Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi. |
| John Buttigieg –<br><br>Viċi Sindku | **Progetti Kapitali; Infrastrutura; Kuntratti u Gemelaġġi**<br><br>Proġetti apitali u Infrastruttura; Project Manager; Rappreżentant fuq il-bord tal-Park tal-Majjistral; Membru Kumitat dwar l-evalwazzjoni tal-offerti; Rapprezentant Kumitat Reġjonali; Ġemellaġġi; *Contracts Manager;* Devoluzzjoni Proprjetà; *Chairman* Kumitat *ad hoc* Triq George Borg Oliver. |
| Annabelle Brincat Stellini | **Edukazzjoni; Qasam Soċjali; Tfal u Anzjani**<br><br>Pubblikazzjonijiet; Programmi tal-Unjoni Ewropea; Jum il-Kunsill; Jum it-Tfal; Magazin tal-Kunsill; Rappreżentant EDEN; Rappreżentant Grupp Azzjoni Majjistral; Programmi Edukattivi; Fora Edukattiva; Korsijiet; Skola; Librerija Pubblika; Fiera tal-Ktieb; Kuntatt mal-Kunsill Skolastiku. Ħarġiet Kulturali; Żvilupp u Għajnuna Soċjali; Saħħa Pubblika ; L-Anzjani u Persuni b Diżabilità; Avvanz tal-mara; il-berġa; Cimiterji ; il-Familja; Tfal; Akkomodazzjoni Socjali. |

| | |
|---|---|
| Rebecca Bartolo Cutajar | **Ambjent; Indafa; Wirt Storiku; Affarijiet Rurali**<br>Toroq rurali; Żoni ta' Rikrejazzjoni fil-Kampanja; Ħitan tas-Sejjieħ; Giren; Mollijiet u Skallijiet; Afforestazzjoni; Kampanji ta' Tindif; Tisbieħ ta' Turġien; Tindif ta' Toroq Rurali u Urbani; Gbir ta' Skart; *Bring-In Sites*; Latrini Pubbliċi; Konservazzjoni tal-Wirt Storiku; *Heritage Trail* ta' Selmun; u Festa Ambjent |
| Kurt Buttigieg | **Żgħażagħ; Sports; u Attivitajiet Fiżiċi**<br>Relazzjonijiet Internazzjonali; Programmi taż-Żgħażagħ; Żgħażagħ; Użu ta' facilitajiet Sportivi; Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi. |
| Ivan Castillo | **Inovazzjoni u Servizzi Essenzjali**<br>Innovazzjoni; Servizzi tal-Wi-Fi; Servizzi tal-Elettriku; Ilma; Drenaġġ; Tismija ta Toroq u Numri tal-Bibien; Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onoreficenzi. |
| Marvin Abela | **Harsien tal-Annimali u Kommunità Kummerċjali**<br>Ħarsien tal-annimali; Kommunità Kummerċjali; Garaxxijiet Industrijali. |
| Gabriel Micallef | **Integrazzjoni Soċjali u Żoni Kostali**<br>Integrazzjoni Soċjali; Aċċess u Sigurtà fil-Bajjiet; Tindif tax-Xtut; Żoni għall-Karavans u Ikkampjar; Teknoloġija tal-informazzjoni; Vetturi Abbandunati/ Emigranti |
| Emvin Bartolo | ***Community Policing*; Traffiku u Żamma tal-Ordni.**<br>Trasport Pubbliku; Immanigjar tat-Traffiku; Reklamar fuq l-Għamara tat-Toroq; *Community Policing*; Materji li Jinvolvu il-Pulizija; Permessi ta' Attivitajiet; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti; Kordinazzjoni tal-Festi Reliġjużi; Infurzar tal-Liġi. Membru Kumitat *ad hoc* Triq Ġorġ Borg Olivier. |

**10.1. Quddies biex ifakkar il-bidu tal-ħidma tat-Tmien Kunsill (A/5/3/Vol IX)**

10.2. Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-Arċipriet sabiex jiddedika Quddiesa li tfakkar il-bidu tal-ħidma tat-Tmien Kunsill, nhar is-Sibt 13 ta' Lulju 2019 fis-6.30pm fil-knisja parrokkjali tal-Mellieħa.

10.3. Is-Sur D. Vella kompla jgħid li jkun xieraq illi ssir Quddiesa simili fil-parroċċa tal-Manikata. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li ssir talba lill-Kappillan tal-Manikata, sabiex possibilment il-Kunsill ikun jista' jippartecipa fil-Quddiesa li ssir nhar is-Sibt 20 ta' Lulju 2019 fis-6.30pm.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-5.15 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2019 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**